# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

**Nru. 8** — **Settembru - Ottubru 1982**


**EDITORJAL**

## *NITGĦALLMU DEJJEM*

**Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Il-jiem sbieħ tas-sajf li nkunu ilna nistennewhom sena sħiħa qegħdin jaħarbulna minn taħt idejna bħal dak ir-ramel fin, li magħluq tajjeb fil-pala tal-id jiżgiċċa ħelu ħelu minn bejn is-swaba aktar ma nrossu idejna flimkien. Settembru jfakkarna fil-bidu ta' l-iskejjel, filwaqt li x-xahar ta' Ottubru jwassal miegħu l-bidu tal-klassijiet tad-Duttrina. Il-kampanja li ta' kull sena ssir fil-parroċċa tagħna fl-aħħar ġranet ta' Settembru dejjem ħalliet il-frott tagħha; il-klassijiet tad-Duttrina fiċ-ċentri kollha jkunu mimlija bit-tfal u bl-istudenti żgħażagħ. Biss x'ingħidu għax-xhur ta' wara? Wara l-Milied, il-klassijiet jibdew jitbattlu; il-ħeġġa tal-bidu tibda' tnin, u l-interess minn naħa tal-ġenituri jaqbad it-triq tan-niżla.**

**Jeħtieġ li l-ġenituri kollha jarawli t-tfal tagħhom jattendu l-klassijiet tad-duttrina, u jippruvaw isegwuhom billi jsaqsu lill-għalliema tat-tfal tagħhom dwar l-imġieba u l-progress ta' wliedhom. Il-ġenituri huma mħeġġa ukoll li joqgħodu attenti biex ma jmorrux iħottu bl-eżempji tagħhom dak kollu li b'tant paċenzja ikunu bnew l-għalliema u l-atekisti.**

**Tajjeb ukoll li nieħdu din l-okkażżjoni sabiex infakkru li t-tagħlim tal-katekiżmu mhuwiex xi prerogattiva tat-tfal biss. Kemm iż-żgħażagħ kif ukoll il-miżżewġin u l-anzjani jeħtieġ jifhmuha li anke huma jeħtieġu t-tagħlim. Għal dawn il-kategoriji m'hemmx klassijiet tad-duttrina, iżda l-parroċċa torganiżża laqgħat minn żmien għal żmien. Tajjeb li nifhmuha li lkoll kemm aħna obbligati nattendu u nieħdu sehem attiv.**

**Nittamaw li matul din is-sena il-laqgħat kollha li hemm ippjanati jkollhom attendenza tajba u jaħallu l-frott tant mixtieq.**

## 21 ta' SETTEMBRU
## JUM IL-KONSAGRAZZJONI



Nhar it-Tlieta 21 ta' Settembru, 1982 jaħbat il-227 anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Bażilika tagħna mill-Isqof ta' Malta u Għawdex Fra Pawlu Alpheran de Bussan. F'dan il-jum għażiż għall-knisja tagħna l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu ta' San Ġorġ, imexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mal-Kleru u l-Kapitlu tal-Bażilika.

It-Tempju Ġorġjan kien ġie mibni f'għamla ta' salib latin-bil-għajnuna tal-Gvernatur t'Għawdex Francesco de Cordova bejn l-1672 u l-1678. Il-pjanta tal-maqdes kienet ta' l-inġinier Vitor Cassar, iben Glormu. Fir-ritratt fuq ix-xellug tidher il-faċċata tal-Bażilika kif kienet fl-1678. Dan id-disinn juri l-ħsarat i saru fil-faċċata bit-terremoti tal-11 ta' Frar, 1693 u dak ta' l-20 ta' Frar 1743. Fuq il-faċċata l-antika kien hemm l-armi tal-Gran Mastru Cotoner, ta' l-Isqof Molina, ta' l-Isqof Belaguer Cammarasa, ta' l-Università t'Għawdex u tal-Gvernatur De Cordova.

ta' Kristu, tinżamm sħiħa bla ma tonqos qatt fil-hena u fil-hemm, fil-ġisem u fir-ruħ, u għalhekk hija 'l bogħod minn kull adulterju jew divorzju." (Gaudium et spes, n. 49)

Iż-żwieġ ta' dawk li huma mgħammdin ifakkar fuq l-art l-għeġubijiet kbar t'Alla: huwa xbieha tal-kommunjoni sħiħa ta' mħabba u ta' ħajja li fiha jgħixu t-Tliet Persuni Divini, huwa xbieha tal-patt t'Alla, fi Kristu, mall-Knisja.

Skond it-tagħlim tal-Appostlu Missierna żżwieġ jidħol fil-vokazzjoni nisranija u huwa **kariżma**, jiġifieri don tal-Ispirtu s-Santu, għall-ġid tal-miżżewġin stess, għall-ġid tal-familja tagħhom u tal-Knisja kollha. Dan ifisser li l-grazzja tas-Sagrament ma tieqafx fil-miżżewġin,imma,permezz tagħhom għaddi ukoll għal fuq l-oħrajn. Dan ifisser li mhux listess li wieħed jitwieled minn ġenituri nsara jew minn ġenituri li ma humiex nsara: il-ġenituri nsara bis-saħħa tas-Sagramenti tagħhom iservu ta' strumenti tal-grazzja favur uliedhom u jgħinuhom għal twelid sopranaturali skond il-ħajja tal-grazzja fi Kristu.

**Libertà Falza**

Ħafna huma l-bnedmin li fid-dinja tagħna jiddefendu bil-ħila kollha tagħhom il-libertà: anke din hija don t' Alla. Imma l-libertà skond Alla, mhiex l-istess bħal dik li jxandru ċerti bnedmin, għax din mhiex vera libertà. Meta fost il-miżżewġin teżisti l-vera mħabba, ma tistax tonqos il-vera libertà flimkien mad-dinjità personali tal-individwu. Għalhekk kull parti tħoss li, għalkemm hija rregalat lilha nfisha lil-parti l-oħra, iżda din l-għotja ma qerditiliex il-libertà u anqas xelfet id-dinjità ndividwali tagħha.

Xorta oħra ngħidu meta l-imħabba tal-miżżewġin tkun mibnija fuq l-egojiżmu personali: l-egojiżmu jdallam il-moħħ, ijassar il-qalb u joħloq il-vittmi. Mill-egojiżmu jiġi l-kapriċċ bla rażan, titwelled mentalità li ma tagħrafx id-drittijiet tal-oħrajn, anki jekk l-istess mentalità tkun ittambar bla waqfien favur il-libertà. L-idea tal-vera libertà fil-moħħ tal-egojista ma tfisser xejn għajr li jwettaq il-kapriċċi bla rażan tiegħu mingħajr tfixkil ta' ħadd.

Min hu egojista ma jistax japprezza r-rabta qaddisa u dejjiema taż-żwieġ, jikkunsidra bħala antikwata l-idea tal-familja; li tħobb fedelment u mingħajr tradimenti, għal min hu egojista jfisser jasar. Imma hija propju din l-imħabba tal-bniedem egojist li, skond kliem il-Konċilju, tispiċċa fix-xejn u b'manjiera ta' min jitħassarha.

**Konklużjoni**

Min tassew iħobb il-familja ma jistax ma jitnikkitx quddiem il-ħsara li fiha jaslu ċerti żwiġijiet mfarrka. Għalhekk, aktar 'l fuq, semmejna l-ħtieġa ta' tħejjija għaqlija u serja qabel iż-żwieġ, tħejjija li tagħraf teduka l-moħħ u l-qalb ta' dawk li jkunu bil-fehma tal-ħajja miżżewġa.

Għal min hu nisrani jeħtieġ li din it-tħejjija tkun mibnija fuq il-prinċipji tar-reliġjon nisranija - prinċipji li l-Knisja qatt ma tieqaf ixxandar u tfisser.

It-traġedji ma jintemmux billi l-prinċipji nsara jiġu mwarrba: dan iservi biss biex il-mard jitferrex iżjed u ġisem l-umanità jitbiċċer aktar.

# Il-Gallerija ta' l-Orgni

**Għall-okkażżjoni tal-Festa ta' San Ġorġ din is-sena tlesta t-tiżjin meħtieġ u li kien jonqos innaħa ta' taħt tal-gallerija ta' l-orgni. Saret ukoll l-induratura meħtieġa.**
**naħa ta' taħt tal-gallerija ta' l-orgni. Saret ukoll l-induratura meħtieġa.** **Ix-xogħol fil-ġibs sar u tpoġġa mis-Sur Ġużeppi Sagona li ħa ħsieb ukoll l-induratura f'din il-parti. Iżda minn dawn il-kolonni irridu nroddu ħajr lis-Sur Ġorġ Saliba, benefattur kbir tal-Bażilika tagħna li ħallas għad-deheb kollu li ntuża biex setgħet tiġi indurata d-dekorazzjoni li saret fil-gallerija ta' l-orgni.**

# *IL-QUDDIESA TAT-TFAL*

Mill-kolonni ta' din ir-rivista nixtieqCu nfakkru lill-ġneituri kollha li fiċ-Ċentru Parrokkjali kull nhar ta' Ħadd issir quddiesa għat-tfal fid-9.00 a.m. F'din il-quddiesa t-tfal li jattendu jkunu sorveljati l-ħin kollu u jiġu wkoll mgħallma dak kollu meħtieġ biex jifhmu aħjar il-liturġija tal-quddiesa. Tajjeb wieħed isemmi wkoll li kull nhar ta' Ħadd jittellgħu xi rigali fost it-tfal li jattendu. Issa li l-vaganzi qorbu biex jintemmu nistennew li n-numru ta' tfal li jattendu jerġa' jkun bħassnin li għaddew u forsi anke ikbar.

# SAN GORG 1982

Fl-okkażżjoni tas-Sena Internazzjonali ta' l-Anzjani saret quddiesa speċjali għall-morda u l-anzjani u fi tmiem din il-quddiesa dawk preżenti ingħataw rigal u borża ħelu kull wieħed.



Dr. Eugene Montanaro LL.D. (fuq ix-xellug) jidher jippreżenta wieħed mill-erbatax il-kwadru b'ritratti bil-kulur tal-Bażilika li għoġbu jippreżentalna fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ. Lil Dr. Montanaro inroddulu ħajr.





Il-Banda LA STELLA takkumpanja l-purcissjoni ta' San Ġorġ wara li gie esegwit l-innu mmortali "A SAN GIORGIO MARTIRE" ta' Mro.Gius Giardini Vella fil-pjazza ta' quddiem il-Bazilika.



L-Istatwa artistika ta' San Ġorġ għaddejja minn waħda mit-toroq tal-Belt Victoria waqt il-purcissjoni pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.



Is-Sur Joe Desira, ta' J. DESIRA FURNITURE, jidher jippreżenta sedja ġdida tal-kewkba lill-Mons. Arċipriet Mercieca. Id-Ditta Desira għandha showroom permanenti ta' l-għamara fit-Teatru ASTRA. Lid-Ditta Desira nirringrazzjawha mill-qalb.



Iż-żewġt itfal miċ-Ċentru Parrokkjali tagħna li ġew ippremjati wara quddiesa speċjali minn Mons. Isqof li saret fil-ġranet tal-Festa. Ġew ippremjati wkoll tfal oħra miċ-Ċentri l-oħra tad-Duttrina tal-Parroċċa.

*Jiktbilna:*
*Mons. Arċid. Giov. B. Gauci*

# IŻ-ŻWIEĠ NISRANI

Iż-żwieġ kien jeżisti qabel il-Knisja, ilu jeżisti sa mill-ħolqien ta' l-ewwel bniedem: "imma mill-bidu tal-ħolqien, raġel u mara għamilhom Alla; għalhekk iħalli raġel il-missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jkunu t-tnejn ġisem wieħed." (Mk. 10, 6-8)

Fil-bidu tal-ħajja tagħha fost il-bnedmin, il-Knisja żgur li kellha tħabbat wiċċa ma' diffikultajiet mhux żgħar x'ħin ġiet biex ixxandar it-tagħlim tagħha fuq iż-żwieġ - tagħlim mibni fuq il-liġi naturali u fuq ir-rivelazzjoni. Qabel il-Knisja kien hemm fid-dinja reliġjonijiet oħra b'ideat u kostumi li ma kenux jaqblu mat-tagħlim ta' Ġesù Kristu. Iżda xorta waħda l-Knisja xandret kliem Kristu lil kulħadd, hekk kif għadha tagħmel illum; xorta waħda, bħal dak in-nhar li dehret fid-dinja l-ewwel darba, l-Knisja ssib it-tfixkil għall-kliem ta' Kristu.

**Rabta ta' vera mħabba**

Fiż-żwieġ ir-raġel u l-mara jimpenjaw ruħhom għal xulxin b' rabta li ma tistax tinħall, f'għotja sħiħa lil xulxin. Din hi għotja ta' mħabba li ma timbeniex fuq is-sempliċi ġibda sentimentali li, għalkemm tista' tkun tant qawwija, però hemm il-periklu li tibred u tispiċċa fix-xejn daqs li kieku qatt ma kienet. Għalhekk il-Konċilju Vatikan II jgħidilna li l-vera mħabba fiż-żwieġ "tiżboq bosta s-sempliċi ġibda naaturali, li, kultivata b'sens ta' egojiżmu, tispiċċa fix-xejn malajr u b'manjiera ta' min jitħassarha." (Gaudium et spes, N. 49)

L-imħabba fiż-żwieġ għandha timbena fuq deċiżjoni ħielsa u responsabbli tant tar-raġel kemm tal-mara. Deċiżjoni ħielsa u responsabbli minn naħa tat-tnejn tfisser li l-miżżewġin, għax jinħabbu, jagħtu u jirċievu 'l xulxin ir-rigal tagħhom infushom, bla limiti u kundizzjonijiet u skond il-finijiet li għalih twaqqaf minn Alla ż-żwieġ. Din l-għotja sħiħa ta' mħabba lil xulxin, dan ir-rigal, il-Konċilju jsejjaħlu "id-donazzjoni ta' żewġ persuni 'l xulxin." (Gaudium et spes, n. 48)

Jeħtieġ li jkun hemm tħejjija bil-għaqal għal din ir-rabta ta' mħabba fiż-żwieġ. Din it-tħejjija għandha tibda' miż-żgħożija, titkompla sa jum iż-żwieġ u ma tieqaf qatt sa tmiem ħajjiet il-miżżewġin infushom. Min



ikun fi ħsiebu li jagħżel l-istat ta' ħajja miżżewġa għandu jsib it-trawwim għal dan l-istat fi ħdan il-familja tiegħu, fil-Knisja u fis-soċjetà.

**Żwieġ - Sagrament**

Għal dawk li huma nsara qatt ma jista' jkun hemm vera żwieġ jekk dan ma jkunx fl-istess waqt sagrament. dawk li rċevew il-magħmudija f'isem Kristu, f'ismu ukoll jiżżewġu u hekk bil-barka tiegħu jaqsmu ħajjithom fl-imħabba ta' xulxin.

Hawnhekk nisimgħu mill-ġdid il-Konċilju: "Din l-imħabba ikkonfermata bil-fedelta lejn xulxin, u fuq kollox imqaddsa b'Sagrament

*ikompli paġna 7*

# NIFIRĦULHOM

Din is-sena il-parroċċa tagħna kellha saċerdot ġdid: **Dun Ġorġ Frendo** Dun Ġorġ ġie ordnat saċerdot fil-Katidral nhar is-Sibt, 19 ta' Ġunju, 1982 u għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Bażilika tagħna nhar il-Ħadd 11 ta' Lulju, 1982. sakemm kien seminarista, Dun Ġorġ kien ħabrieki ferm fil-parroċċa u kellu f'idejh il-kor tat-Tfal 'Laudate Pueri'. F'dan iż-żmien ukoll ta s-sehem tiegħu f'kull ħidma pastorali fil-parroċċa. Dun Ġorġ dalwaqt iħalli gżiritna biex imur ikompli l-istudji tiegħu f'Ruma. Nixtiequlu AD MULTOS ANNOS.





Il-Kan. onorarju l-Maġġur **Dun Ġużepp Borg,** li jinsab emigrat il-Kanada, din is-sena kien għal darb'oħra fostna, u din id-darba, f'Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr li saret nhar is-Sibt 17 ta' Lulju, 1982 fakkar egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. F'din il-Konċelebrazzjoni għamel l-Omelija ta' l-okkażżjoni il-Kan. Dun Salv Borg. Din is-sena il-Kan. Joseph Borg ippreżenta rigal ieħor lill-parroċċa. Dan kien sett ta' pjaneti gotiċi. Mill-paġni ta' din ir-rivista, waqt li nirringrazzjawh, nixtiequlu AD MULTOS ANNOS.

Mons. Isqof Nikol Cauchi, fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġorġ, għoġbu jaħtar lill-Kapp. **Dun Koronat Grima** bħala Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata tagħna. Dun Koronat ilu jaħdem Gibiltà għal bosta snin u propju din is-sena ġie maħtur Kappillan fil-Parroċċa ta' San Ġużepp f'Gibiltà. Dun Koronat Grima kien wieħed mis-saċerdoti ordnati mill-Qdusija tiegħu l-Papa Pawlu VI f'ċerimonja spettakolari li saret fi Pjazza San Pietru nhar il-Ħadd, 29 ta' Ġunju 1975 fl-okkażżjoni tas-Sena Imqaddsa. Minn qalbna nixtiequlu AD ALTIORA.



## Donazzjonijiet għall-Ispejjeż tar-Rivista

John Attard (Canada) 5 US Dollars; Anton Borg (Canada) £M3; Joseph Pace (Hamrun) £M5; Doris Scicluna (Malta) £M1.; John Borg (Canada) 5 US Dollars; Kan. On. Dun Koronato Grima (Gibiltà) £M1.; Carmel A. Galea (U.S.A.) 15 US Dollars.

**Nota lill-Emigranti:**
Dawk l-emigranti li qed jirċievu regolarment din ir-rivista u jixtiequ jibagħtu xi donazzjoni għandhom jindirizzaw l-ittri tagħhom hekk: **'IL-BELT VICTROIA', Uffiċju Parrokkjali San Ġorġ, Victoria, Gozo, Malta.**

## *Fl-14 ta' Settembru*
## L-EŻALTAZZJONI TAS-SALIB IMQADDES

Il-Knisja żżomm żewġ festi tas-Salib: meta nstab is-Salib (3 ta' Mejju) u l-Eżaltazzjoni (14 ta' Settembru). Din it-tieni festa kellha bidu Ġerusalemm fil-jum ta' l-anniversarju tad-Dedikazzjoni taż-żewġ Bażiliċi mwaqqfin minn Kostantinu fuq il-Kalvarju u fuq il-Qabar Imqaddes. fil-Knisja tal-Lvant din il-festa kienet waħda mill-ikbar. Imbagħad mis-sekulu VII, Ruma u l-Knisja tal-Punent bdew ifakkru l-qima u r-ritorn tas-Salib f' Ġerusalem (629 W.K.), meta l-Imperatur Eroklju ħadu lura minn idejn il-Persjani.

Eroklju ried jidħol hu nnifsu fil-belt bir-relikwja tas-Salib merfugħa fuq spallejh; iżda sab li forza misterjuża bdiet iżżommu meta wasal fil-bieb tal-belt. Il-Patrijarka Zakkarija li kien miexi ħdejh, qallu li dik il-pompa kollha xejn ma kienet taqbel mad-daħla ta' Kristu riekeb fuq ħmara. Hawn l-Imperatur neża' l-mant u neħħa l-kuruna u daħal ħafi mal-purċissjoni; hekk seta' jpoġġi bid-devozzjoni kollha s-Salib f'postu. Kien għadu mgħaluq fil-kaxxa prezzjuża. Il-Patrijarka u l-kleru sabu s-siġilli sħaħ; fetħu l-kaxxa biċ-ċavetta, qiemu s-Salib Imqaddes u wrewh lill-poplu sabiex iqimu.

Iċ-ċerimonja tal-wirja tar-relikwja sagra għall-adorazzjoni ta' l-insara baqgħet issir għal bosta snin wara f' Ġerusalem. Bl-istess qima u devozzjoni kienu jsiru dawn iċ-ċerimonji f'Kostantinopli bil-biċċa tas-Salib Imqaddes li kien żamm hemm l-Imperatur Eroklju.


KULLĦADD GĦALL

*IDEAL HOME EXHIBITION*

*fit-Teatru Astra*


## IL-KOPPLA TAL-BAŻILIKA
### Is-Seba' Kwadru



"QUI VINCERIT FACIAM ILLUM COLUMNAM IN TEMPIO"
"MIN JIRBAĦ NAGĦMLU KOLONNA FIT-TEMPJU".

Min jirbaħ il-ġlieda kontra l-qawwiet tal-ħażen Alla jagħmlu kolonna fit-tempju tiegħu. Il-kolonna għandha tliet tifsiriet:

1) Il-kolonna hija mmobbli, u għalhekk min jirbaħ jiġi mogħti d-don tal-perseveranza;

2) Il-kolonna tirfed it-tempju. Min jirbaħ ikun ta' ġid mhux biss għalih innifsu imma wkoll għall-oħrajn, għax jirfed il-virtujiet tagħhom bil-kliem, bit-talb u bl-eżempju;

3) Il-kolonna hija sabieħa u majestuża. Min jirbaħ għalhekk ikun kbir u glorjuż fis-sema.

U lil San Ġorġ jixraqlu dan il-kliem, għax rebaħ u kien perseveranti, għamel ġid lilu nnifsu u l-eżempju tiegħu jkaxkar u l-glorja tiegħu fis-sema u fl-art tidher ma l-erbat irjieħ tad-dinja.

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377



## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

**13.6.82** INO MARIO iben Teddy Abela u Emelda neè Tabone
**27.6.82** ANTHONY iben John Bosco Mizzi u Doreen neè Galea
**4.7.82** MARIO iben Emanuel Xuereb u Emanuela neè Galea
**5.7.82** ROSE-MARLENE bint Carmelo Muscat u Frances neè Said.
**22.7.82** DANIELA bint Joe Xerri u Anna neè Galea
**24.7.82** CHRISTIAN-GEORGE iben Gorg Farrugia u Eucharistica neè Formosa.
**24.7.82** RETIEN iben Joe Cassar u Josephine neè Vella.
**5.8.82** ĠORĠ iben Frankie Attard u Filomena neè Borg.

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

**24.7.82** Cettina Pace
**26.7.82** Carmela Buhagiar
**27.7.82** Tereza Caruana
**29.7.82** Ġiovanni Gauci
**3.8.82** Wenzu Attard
**6.8.82** Rosanna Muscat
**9.8.82** Ester Pace

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

**19.6.82** Nazzarenu Azzopardi ma' Josephine Farrugia
**3.7.82** Joseph Farrugia ma' M'Rose Farrugia
**10.7.82** Ġorġ Fenech u Helen Mizzi
**31.7.82** Anton Camilleri u Teresa Sacco
**1.8.82** Louis Bondi u Connie Cefai
**8.8.82** Anton Xuereb u M'Grace Mizzi



## NILTAQGĦU NHAR

## *SETTEMBRU 1982*

**Il-Ġimgħa 3 ta' Settembru:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Jum ta' Espożizzjoni Solenni.
**It-Tnejn 6 ta' Settembru:**
Il-24 Anniversarju mill-għoti tat-Titlu ta' Bażilika lill-Knisja Parrokjali tagħna.
**It-Tlieta 14 ta' Settembru:**
Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes
**L-Erbgħa 15 ta' Settembru:**
Festa tal-Madonna tad-Duluri.
**It-Tlieta 21 ta' Settembru:**
**Tifkira tal-227 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Fis-6.30 p.m. KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.**
**Il-Ħadd 26 ta' Settembru:**
Illum jispiċċa il-Ħin tas-Sajf. Il-Quddiesa ta' fil-għaxija nhar ta' Ħadd tkun fl-4.00 p.m.
**It-Tnejn 27 ta' Settembru:**
Mil-lum il-quddiem il-quddies ta' fil-għaxija jkun fil-5.00 p.m. u fis-6.00 p.m.
**L-Erbgħa 29 ta' Settembru:**
Festa ta' San Mikiel Arkanġlu.

## OTTUBRU 1982

**Il-Ġimgħa 1 ta' Ottubru:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Jum ta' Espożizzjoni Solenni.
**It-Tnejn 4 ta' Ottubru:**
**Jibda t-tagħlim tad-Duttrina fiċ-Ċentri kollha.**
**L-Erbgħa 6 ta' Ottubru:**
**SIEGĦA DORAZZJONI KOMUNUT-ARJA fis-2.00 p.m.**
**Is-Sibt 9 ta' Ottubru:**
**Festa tal-Madonna ta' Fatima: Korteo Aux Flambeaux mat-toroq ta' madwar il-parroċċa.**
**Il-Ħadd 10 ta' Ottubru:**
Festa tal-Madonna ta' Fatima. Konċelebrazzjoni Solenni fit-8.00 a.m.
**Il-Ħadd 17 ta' Ottubru:**
**ĠURNATA MISSJUNARJA. Inkunu ġenerużi.**
**Il-Ħadd 31 ta' Ottubru:**
Konċelebrazzjoni Solenni bħala eghluq dan ix-xahar tar-rużarju.

# MITT SENA TA' FESTI KBAR

Il-festi li saru fil-Belt Victoria bejn il-11 ta' Lulju u t-18 ta' Lulju li għadda f'ġieħ il-Megalomartri San Ġorġ kellhom sinjifikat speċjali għas-Soċjetà LA STELLA. Propju din is-sena is-Soċjetà LA STELLA għalqet mitt sena minn mindu ħadet uffiċjalment f'idejha l-organizzazzjoni tal-festi ta' barra li jsiru ta kull sena fil-Belt Victoria.

Wara mitt sena ta' festi kbar f'ġieħ il-patrun tagħna San Ġorġ jixraq li nsellmu l-ewwelnett lill-Kumitat preżenti tas-Soċjetà Filarmonika LA STELLA u nirringrazzjawh għal mod kif ġew organiżżati l-festi ta' barra ta' din is-sena li mhux biss jagħmlu unur lilna imma jagħmlu unur ukoll lill-Għawdex tagħna. Però ma rridux inħallu barra lil dawk ta' qabilna li għal dawn l-aħħar mitt sena ma qatgħu xejn mill-ħidma biex jkomplu dejjem ikabbru l-festi ta' San Ġorġ. Minn qalbna nroddulhom ħajr, lil dawk li ħallewna nitolbu għalihom u lil dawk preżenti nkomplu ngħinuhom biex minn sena għall l-oħra jkomplu jħabirku biex il-festi ta' San Ġorġ jkomplu jikbru u jisbieħu.



L-Isqof Cauchi jidher jikxef il-lapida kommemorattiva.



Is-Sur Paul M. Cassar jidher jagħmel id-diskors ta' l-okkażżjoni

Biex tiġi mfakkra din l-okkażjoni twaħħlet lapida kommemorattiva mal-faċċata tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-lapida ġiet mikxufa u mbierka mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, lejliet il-Festa ta' San Ġorġ nhar is-Sibt, 17 ta' Lulju, qabel it-Translazzjoni Pontifikali. F'din l-okkażżjoni is-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà LA STELLA, għamel diskors ta' l-okkażżjoni u fakkar fir-rabta qadima li teżisti bejn is-Soċjetà La Stella u San Ġorġ. Wara, il-lapida ġiet mikxufa mill-Isqof li wara berikha. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm il-Banda La Stella, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna u mijiet ta' partitarji. Fil-lapida hemm imnaqqxa xbieha ta' San Ġorġ u l-arma tas-Soċjetà La Stella. Id-Diskors tal-Lapida huwa dan:

**"Is-Soċjetà Filarmonika La Stella, tfakkar egħluq il-Mitt Sena minn meta uffiċjalment ħadet f'idejha il-Festi ta' Barra li jsiru fil-Belt Victoria f'ġieħ il-Padrun t'Għawdex San Ġorġ - 17 ta' Lulju 1982"**


## GĦALL-EWWEL DARBA F'GĦAWDEX

# IDEAL HOME EXHIBITION

## IL-ĠIMGĦA, IS-SIBT U L-ĦADD

## 17, 18, 19 ta' SETTEMBRU

## *FIT-TEATRU ASTRA*




A. & M. Printing Ltd., Qala, Gozo.